**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 7 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 186/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Jonathan Mizzi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-7 ta` April 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` ħames mija, erbgħa u sebgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€574.07ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40367219, wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffijċali 1718/2015, u l-imgħax mid-29 ta` Settembru 2015 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta` din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta` attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B1' u 'B2', fol.3 u 4); u (iii) kopja tal-ittra uffiċjali eżekuttiva li s-soċjeta` attriċi preżentat kontra l-konvenut fid-29 ta` Settembru 2015 (Dok.'C', fol.5).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Maryanne Camilleri, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ħames mija, erbgħa u sebgħin Ewro u seba' ċenteżmi (€574.07ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**